MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**REFALO JOSEPH S.**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1919/2002

**Id-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni**

**vs**

**Michela Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 t'Awissu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' wiehed u tmenin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm81.38), u fejn intqal:**
**Illi l-konvenuta kienet studenta l-Junior College, Msida;**
**Illi hija rceviet is-somma ta' wiehed u tmenin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm81.38) indebitament bhala stipendju ghall-perijodu bejn Novembru/Dicembru 1999, u dan minhabba assenza regolari mill-lezzjonijiet fl-istess perijodu kif ukoll**

**minhabba hlas zejjed ta' parti mill-bonus ta' Dicembru 1999;**
**Illi ghalkemm hi giet interpellata sabiex thallas, baqghet inadempjenti;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Marzu, 2001 u bl-imghax legali kontra l-konvenuta.**

**Ra n-nota prezentata mill-attur fid-9 t'Ottubru, 2002, li biha ceda l-meritu pero` zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar il-meritu, jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**